VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,965, 20 ta' Marzu, 2018*
*Taqsima B*

**A.L. 82 tal-2018**

## ATT DWAR IT-TAXXA FUQ DOKUMENTI U TRASFERIMENTI (KAP. 364)

## Ordni tal-2018 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Donazzjonijiet ta' Valuri Negozjabbli u Proprjetà Immobbli li Tintuża għan-Negozju

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 23 tal-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti, il-Ministru responsabbli għall-finanzi għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2018 li jemenda l-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Donazzjonijiet ta' Valuri Negozjabbli u Proprjetà Immobbli li Tintuża għan-Negozju, u dan l-Ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar Eżenzjoni mit-Taxxa fuq Donazzjonijiet ta' Valuri Negozjabbli u Proprjetà Immobbli li Tintuża għan-Negozju, hawn aktar 'il quddiem imsejjaħ l-"Ordni prinċipali". L.S. 364.15.

Jemenda l-artikolu 3 tal-Ordni prinċipali.

**2.** Fl-artikolu 3 tal-Ordni prinċipali il-kliem "minn jew wara l-1 ta' April 2017 u qabel l-1 ta' April 2018.", għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "minn jew wara l-1 ta' April 2017 iżda qabel l-1 ta' Ottubru 2018.".

Jemenda l-artikolu 3 tal-Ordni prinċipali.

**3.** Fil-proviso tal-artikolu 4(1) tal-Ordni prinċipali il-kliem "fi jew qabel il-31 ta' Mejju 2018.", għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fi jew qabel it-30 ta' Settembru 2018.".